MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Numru 1005/2003

Il-Pulizija
(Supretendent B. Mula u
Spettur M. Sammut)

vs

George Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 554160(M), akkuzat talli:

1. fil-lejl ta’ bejn il-5 u s-6 ta’ Dicembru, 2003, f’xi hin bejn il-11:30p.m. u 00:30a.m., gewwa l-istabbiliment Remedies ta’ Triq Wilga, San Giljan bil-hsieb li jaghmel delitt u cioé, talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna u cioé lil Wayne Anthony Caruana, jew li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi permezz ta’ strument

li jaqta’ u bil-ponta (flixkun tal-hgieg imkisser), ta daqqa f’parti vitali tal-persuna tal-imsemmi Wayne-Anthony Caruana, liema delitt ma giex esegwit minhabba haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta (flixkun tal-hgieg imkisser), ikkaguna ferita ta’ natura gravi liema offiza setghet iggib periklu ghal hajja tal-imsemmi Wayne-Anthony Caruana, jew giet maghmula f’ferita li dahlet f’wahda mill-kavitajiet tal-gisem, skond ma verbalment qalu t-tobba tal-isptar San Luqa;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg hadiehor u cioé diversi hwejjeg ta’ Wayne-Anthony Caruana, liema hsara hi fl-ammont li ma jiskorrix il-hamsin lira Maltin (Lm50) imma izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10), ghad-dannu tal-imsemmi Wayne-Anthony Caruana;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika, b’ghajjar u bil-glied;

5. irrenda ruhu recidiv ai terminu tal-Artikolu 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9, billi huwa kien gie misjub hati u hu ikkundannat ghal-diversi reati b’sentenzi tal-Qorti ta’ Malta liema sentenzi saru definnittivi u ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

Rat l-artikoli tal-ligi tal-Avukat Generali li bihom bghatt lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta’ opposizzjoni tal-imputat.

Semghet l-imputat jghid li ma kienx qed isib oggezzjoni.

Semghet ix-xhieda kompriz l-imputat bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputat jinsab akkuzat:

1. ta' attentat li jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra ossija li jikkaguna ferita gravi permezz ta' arma regulari;
2. ta' hsara volontarja;
3. bl-offizi kontravenzjonali ta' ksur ta' bon ordni u li bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew mod iehor.

Illi l-akkuzi jirreferi ghall-fatti li sehhew fis-6 ta' Dicembru 2003 fl-istabbiliment jismu "Remedies" f'Triq Wilga San Giljan fejn kien qieghed isir kuncert rock. Hawnhekk l-imputat, jidher ghal xejn b'xejn, aggredixxa lil certu Wayne-Anthony Caruana billi gera fid-direzzjoni tieghu u tah daqqa ta' ponn fir-ragun tas-supra pubic. Mill-provi jirrisulta wisq car li kien l-imputat li minghajr qatt kien provokat mill-parti leza ikkagunalu permezz ta' flixkun il-ferita li irrekjediet anka intervent kirurgiku.

Il-konsulent kirurgiku li xehed f'dawn il-proceduri, Mr Victor Sultana stqarr li l-pazjent kellu ferita twila tnejn punt hamsa centimetru diretta minn nofs il-pubis ghan-naha tax-xellug u isfel u kompatibbli ma' oggett li jaqta' u bil-ponta li però ma missx u ma affetwatx l-ebda organi vitali tal-gisem u li ma kinitx lanqas ippenetrat il-peritoneum.

Xhud okkulari fil-persuna tal-kuntistabbli Warren Vella hekk iddeskriva d-dinamika tal-ferita: "Jiena lill-imputat rajtu miexi fid-direzzjoni ta' dan Caruana, rajtu jaghtih daqqa bil-flixkun mkisser f'zaqqu u rajt ukoll lill-imputat wara li ta d-daqqa bil-flixkun jimbotta lil dan Caruna lejn il-hajt imbaghad hemm dan waqa' mal-art"

Illi mix-xhieda li giet prodotta din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-agir tal-imputat ma kienx wiehed normali. Però mhix sodisfacjentament konvinta li l-imputat kien ifforma xi intenzjoni specifikata li jikkaguna lill-parti leza xi ferita gravi ghalkemm bl-agir tieghu deher li ried jikkaguna xi hsara fuq il-persuna tal-parti leza.

Il-ferita li kkaguna giet difatti ikklassifikata bhala wahda ta' natura hafifa.
Illi fir-rigward l-akkuzi l-ohra ai termini tar-rinviju u cjoe l-hsara volontarja u l-offizi kontravenzjonali tirrisulta biss l-offiza kontravenzjonali tal-ksur volontarju tal-bon ordni u l-paci pubblika.

Ghaldaqstant issib l-imputat hati talli fil-gurnata u hin indikati fl-akkuza ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Wayne Anthony Caruana u li kiser il-bon ordni u l-paci pubblika.

Rat l-Artikolu 221, 338 (dd) u 17 (d) tal-Kap 9 u tikkundannah multa ta' € 200.

Tikkoncedi lill-imputat zmien tlett xhur mil-lum altrimenti konvertibbli bil-€11.65 ghal kull ammont li jibqa mhux imhallas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------